MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2003

Numru 239/1999

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Maurice Curmi**

**v**

**RAYMOND CARUANA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **RAYMOND CARUANA** ta' sebgha w tletin sena bin Gejtu u Josephine nee Vassallo, imwieled Haz Zebbug nhar s-sebgha ta' Settembru 1961 u joqghod 'Edelweiss', Triq Anthony Aquilina, Zebbug, Malta, detentur tal-karta tal-identita numru 555661M, gie

mressaq quddiemha akkuzat talli fl-ghoxrin ta' Ottubru 2001, wara nofsinhar:

1. Fil-wiehed u ghoxrin ta' Frar 1998 f'Marsilja, kkommetta serq ta' vettura tal-ghamla Volvo Tractor FH 12, mudell tal-1998, numru ta' registrazzjoni tat-Turkija 34-TC-0952, ghad-detriment tal-kumpanija Alisan International Transport & Trade Inc., liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin u bix-xorta tal-haga misruqa;
2. Talli f'Lulju 1998 u fiz-zmien ta' qabel xjentement f'Malta laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew, xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex jbieghom jew imexxihom u cioe ta' vettura tal-ghamla Volvo Tractor FH 12, mudell tal-1998, numru ta' registrazzjoni tat-Turkija 34-TC-0952, ta' valur li jeccedi l-elf lira maltin, sew jekk dan r-reat sar f'Malta, ghad-detriment tal-kumpanija Alisan International Transport & Trade Inc.;
3. Talli fl-istess zmien u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih nnifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghemel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, billi wahhal sett ta' *number plates* foloz (GTM-217) fuq imsemmija vettura u cioe dik tal-ghamla Volvo Tractor FH 12, mudell tal-1998, numru ta' registrazzjoni tat-Turkija 34-TC-0952;
4. Talli fl-istess zmien u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni jew ghamel, uzu minn dokument iehor falsifikat billi hassar u biddel in-numru tax-*chassis* tal-vettura tal-ghamla Volvo Tractor FH 12, mudell tal-1998, numru ta' registrazzjoni tat-Turkija 34-TC-0952;
5. Talli fl-istess zmien u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni jew ghamel, uzu minn dokument iehor falsifikat billi uza sett ta' number plates foloz (GTM-217) fuq vettura tal-ghamla Volvo Tractor FH 12, mudell tal-1998, numru ta' registrazzjoni tat-Turkija 34-TC-0952;
6. Talli fl-istess zmien u ciorkostanzi, minghajr approvazzjoni miktuba bil-quddiem tal-Kummissarju tal-Pulizija ghamel, ordna jew gieghel l-ghemil ta' xi tibdil fix-chassis tal-vettura tal-ghamla Volvo

Tractor FH 12, mudell tal-1998, numru ta' registrazzjoni tat-Turkija 34-TC-0952;

7. Talli fl-erbgha w ghoxrin ta' Frar 1998 bil-hsieb li jiffroda lil Gvern billi jevadi d-Dazju u/jew xi xorta ta' taxxa ohra dovuta, u/jew wkoll xi restrizzjonijiet ohra, xjentement bil-qerq importa jew dahhal jew kellu b'xi mod x'jaqsam filli tigi mpurtata jew imdahhla f'dawn il-Gzejjer, vettura tal-ghamla 'Mechanical Horse' tal-marka Volvo FH 12 4x2, mudell tal-1998, numru tax-*chassis* YVZA4B3A7WB188568 u bin-numru ta' registrazzjoni lokali GTM-217 liema pjanci b'tali registrazzjoni ma kienux jappartjenu lil imsemmi 'Mechanical Horse' izda cioe lil vettura ohra tal-istess ghamla u marka jigifieri Volvo FH 12 pero mudell tal-1992 numru tax-*chassis* 320203/22192 u bin-numru ta' registrazzjoni GTM-217 kif originarjament mahrug mill-Awtoritajiet kompetenti;

8. Talli fl-istess data mal-wasla tieghu f'Malta bil-vapur MV Zebbug, qarraq bl-Ufficjali tad-Dwana u l-Awtoritajiet kompetenti koncernati, meta ghamel dikjarazzjoni u/jew issottometta dokument u/jew informazzjoni li b'xi mod kienu foloz, meta dan kien jaf li d-dettalji fid-dokument tad-Dwana 'Temporary Exportation Permit' minnu ppresentat, ma kienx tal-imsemmija vettura li kienet qeghda tigi mpurtata izda ta' vettura ohra li huwa stess kien u/jew ta x'jifhem li kien hareg minn Malta fit-tmintax ta' Novembru 1997 mal-vapur MV Nicholas A b'dan l-istess dokument;

9. Talli wkoll fil-perjodu wara l-erbgha w ghoxrin ta' Frar 1998 xjentement kellu kontra l-ligi fil-pussess u/jew taht l-kontroll tieghu din il-vettura;

10. Talli fl-istess perjodu ta' zmien, bhala l-persuna responsabbli minn din il-vettura, xjentement naqas fiz-zmien kif stipulat milli jaghmel dikjarazzjoni shiha tal-imsemmi 'Mechanical Horse';

11. Talli l-importazzjoni tal-imsemmi 'Mechanical Horse' hija pprojbita u/jew ristretta u ghandu valur ta' LM17,500 u Dazju ta' LM3,500, liema Dazju ma giex imhallas u/jew kawtelat;

12. F'isem d-Direttur tat-Taxxa tad-Dwana u Sisa, Raymond Caruana huwa akkuzat talli fl-erbgha w ghoxrin ta' Frar 1998 bil-hsieb li jiffroda lil Gvern billi jevadi t-Taxxa tas-Sisa fuq importazzjonijiet, xjentement bil-qerq,

importa jew dahhal jew kellu b'xi mod x'jaqsam filli jigi mpurtat jew imdahhal f'dawn il-Gzejjer, vettura tal-ghamla 'Mechanical Horse' tal-marka Volvo FH 12 4x2, mudell tal-1998, numru tax-*chassis* YVZA4B3A7WB188568 u bin-numru ta' registrazzjoni lokali GTM-217 liema pjanci b'tali registrazzjoni ma kienux jappartjenu lil imsemmi 'Mechanical Horse' izda cioe lil vettura ohra tal-istess ghamla u marka jigifieri Volvo FH 12 pero mudell tal-1992 numru tax-*chassis* 320203/22192 u bin-numru ta' registrazzjoni GTM-217 kif originarjament mahrug mill-Awtoritajiet kompetenti; u

13. Talli l-importazzjoni tal-imsemmi 'Mechanical Horse' hija pprojbita u/jew ristretta u ghandu valur ta' LM17,500 fuqu kellha tithallas Taxxa tas-Sisa fuq l-importazzjoni ta' LM2,625, liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond l-ligi f'kaz ta' htija, tordna lil imputat sabiex jhallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fl-atti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-hamsa ta' Marzu 2001 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet kemm tad-Difiza kif wkoll tal-Prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi nhar t-tlieta w ghoxrin ta' April 1999, **xehed l-Ispettur Maurice Curmi** fejn qal li f'Lulju 1998 kien ircieva xi nformazjoni li f'garaxx f'Haz Zebbug kien hemm xi *tractor*

*trailer* li x'aktarx li kien misruq minn Franza u li in effetti x'aktarx li kellu ic-*chassis* imbaghbas.

Huwa ghalhekk mar fuq il-post indikat lilu u sab li certu Jimmy Baldacchino l-*isprayer*, li qallu li t-*truck* kien ta' certu Raymond Caruana. L-Ufficjal tkellem ma Raymond Caruana dakinhar stess li qallu li t-*truck* kien verament tieghu u li kien gabu mieghu minn barra u cioe minn Reggio Calabria wara li kien xtrah minghand certu John ta' Smith Commercials sitwat f'Essex l-Ingilterra versu l-prezz ta' ghoxrin elf lira sterlina b'zieda ma xi flus li kellu jiehu minghandu ghal xi servizz li kien tah xi zmien qabel.

Raymond Caruana dak l-hin qal wkoll lil Ufficjal li kien importa dak t-truck f'Malta b'sett ta' *number plates* ta' vettura ohra GTM 217 li kien wkoll dahhal Malta xi zmien qabel. L-Ufficjal tal-Pulizija allegalu wkoll li kien hemm xi *tampering* fuq in-numru tax-*chassis* pero dan nonostante Raymond Caruana cahad li kien jaf xi haga dwar dan u meta gie mistoqsi ghaliex kien ser jisprejjah, huwa stqarr li riedu parigg l-ohra.

L-imputat ma kellux ricevuta jew kuntratt t'akkwist tat-truck dak l-hin meta gie nterrogat mill-Pulizija ghalkemm skond l-Ispettur Maurice Curmi nghata wahda tlett xhur wara u meta vverifika dan id-dokument li huwa mmarkat bhala dokument MC 2 mal-awtoritajiet Inglizi, allegatament rrizultalu li l-partikolaritajiet fuq dan id-dokument kienu nveritieri peress li tali persuna jew ahjar *business*, ma kienx jezisti.

**Nhar l-wiehed u tletin ta' Jannar 2000 l-istess Spettur Maurice Curmi reggha xehed** w ippresenta dokument li huwa kien ircieva mill-Interpol [vide fol 158] dwar l-*inquiry* li huwa kien ghamel mal-Pulizija Ingliza dwar ricevuta moghtija lilu mill-imputat [vide dokument MC 2 a fol 39 tal-atti odjerni].

Issa minn ezami ta' dan id-dokument fax jirrizulta li fit-tlieta ta' Marzu 1998 it-telephone u fax number fuq Smith minn West Thurrock gew skonnettjati u registrati f'isem T.R. Brown. Illi l-Pulizija Ingliza pero kellha nformazzjoni li kien

hemm certu Jim Smith li jinnegozja f'*export* ta' *heavy commercial vehicles* u dan f'East Tilbury.

Il-Pulizija Ingliza marret East Tilbury biex taghmel aktar stharrig u hemmhekk iltaqghet ma certu Benjamin Lloyd Smith li qalilha li ma kien jaf xejn dwar Jim Smith u li fil-fehma tieghu r-ricevuta dokument MC 2 kienet falza, *made up*. Il-Pulizija Ingliza pero qalet li din l-istess persuna Benjamin Lloyd Smith hija negozjant makakk f'negozji difficili u li fil-fatt kien maghruf mal-Pulizija peress li kienu saru xi *searches* fil-postijiet tieghu u li fil-fehma tieghu jista jkun li jkun involut f'*export* ta' vetturi suspettati misruq.

**Jimmy Baldacchino xehed** nhar t-tlieta w ghoxrin ta' April 1999 fejn qal li huwa kien gie mistoqsi mill-imputat biex jaghmel xi xoghol fuq *truck* billi kellu jghamillu tank tad-**diesel** iehor, jpoggilu *wind breaker* fuq is-saqaf u jisprajjalu t-*tractor unit*. Dan huwa beda jghamlu sakemm gie mwaqqaf mill-Pulizija. Huwa thallas mill-imputat s-somma ta' elf u erbgha mitt lira maltin ghax-xoghol. Stqarr pero li huwa qatt ma nnota li kien hemm xi tbaghbis fin-numri tax-*chassis* u qal li xoghol fil-magna ma ghamilx.

L-espert nominat mill-Qorti **Joseph Zammit xehed** li huwa ezamina fil-Police Compound ta' St. Andrews, Volvo tal-ghamla *tractor truck* mudell FH 12 tas-sena 1998 li kien minghajr numru ta' registrazzjoni. Il-vettura kellha bhala *chassis number* YVZA4B3A7WB188568. Ill-i nstab xi tbaghbis fuq l-ahhar sitt *digits*, liema tbaghbis fil-fehma tieghu, jikkonsisti fi *grinding* tad-*digits* originali li minnhom jidher ftit hjiel, izda li ma jingharfux u fuqhom gew ittimbrati d-*digits* li huwa kkonstata bhala 188568. Illi din il-vettura nstabet mizbugha bi *spray paint* ta' kulur abjad u kien evidenti li tahtu kien hemm *spray* originali ta' kulur blu. Huwa ta stima din il-vettura fl-ammont ta' tnejn u ghoxrin elf lira maltin.

Fl-erbatax ta' Gunju 1999 **xehed Ertugal Alison** fejn qal li huwa direttur tas-socjeta Alisan International & Trade Limited li hija socjeta internazzjonali tat-trasport u li ghandha mill-inqas mitt vettura registrata maghha. Huwa

kien xtara vettura Volvo FH 12 skond *invoice* esibita fl-atti a fol 62, mmarkata bhala dokument CSH 9 u dan ghal prezz ta' mija u hdax il-elf Deutch Marks. Dan ix-xhud esibixxa d-dokument CSH 10 li jindika t-trasferiment tal-flus u cioe l-hlas li kien ghamel ghal vettura li kien xtara permezz ta' *bank draft*. Id-dokument CSH 13 esibit minn dan l-istess xhud, jindika in-numru tal-magna ta' din il-vettura u cioe 91175 w in-numru tax-*chassis* YVZA4B3A7WB188568. Huwa stqarr li meta l-vettura waqfet f'Marsilja sabiex tinhatt tghabija ta' *tyres* minn fuqha dan insteraq u sar rapport dwar dan s-serq f'Marsilja [vide dokument CSH 13 esibit fl-atti a fol 67].

Waqt li kien Malta, ix-xhud gie akkumpanjat fil-Compound ta' St. Andrews u hemmhekk ra vettura b'kulur abjad u blu minn taht. Huwa stqarr li l-vettura tieghu kellha *sticker* bl-isem 'Alisan' fuqha kemm fuq il-bieba tax-xellug kif wkoll fuq il-lemin, pero dawn ma kienux hemm fuq din il-vettura. Din il-vettura kellha wkoll t-tank, tal-*fuel* spostjat lura u tank iehor mizjud mieghu flok l-*istepney* li kellu, pero tieghu ma kienx hekk. Huwa qal li setgha ikun f'posizzjoni li jaghraf il-vettura tieghu anke jekk tkun mahruqa, meta jara in-numru tax-*chassis* u tal-magna, pero f'dan il-kaz ma rahomx. Kienu l-Pulizija li qalulu li n-numru jikkorrispondi ghan-numru ta' fuq id-dokument li kellu. Huwa kkonferma li fl-Ewropa hemm hafna tipi ta' dan il-Volvo FH.

**L-imputat ma xehdtx f'dawn il-proceduri ghalkemm irrilaxxja stqarrija** li tinsab esibita f'dawn l-atti a fol 37 markata bhala dokument MC 1, u dan b'mod voluntarju u skond l-ligi. Illi ghalhekk dak kollu li l-imputat qal f'din l-istqarrija jikkontjeni prova li ghandha tinghata l-importanza mehtiega.

L-imputat qal li huwa kien xtara il-vettura Volvo FH minghand wiehed Ingliz li jismu John waqt li kien l-Italja fix-xahar ta' Frar 1998 cirka. Huwa spjiega li dahhlu Malta bil-pjanca ta' vettura ohra u cioe bin-numru GTM 217 li hija paricc li l-imputat ghandu fuq vettura ohra. huwa cahad li kien jaf li c-*chassis number* kien imbaghbas.

Mistoqsi ghaliex ried jisprajja l-vettura ghalkemm kienet ilha barra fuq is-suq inqas minn sena, l-imputat wiegeb li ried jghamlu paricc l-iehor li kellu.

Il-Qorti rat l-*letter to prosecute* ffirmata mill-Assistant Kontrollur tad-Dwana datata erbgha w ghoxrin ta' Frar 1999 esibita fl-atti a fol 42 markata bhala dokument CSH 2 fejn l-istess Assistant Kontrollur talab lil Kummissarju tal-Pulizija jiehu passi kontra l-imputat odjern fuq diversi akkuzi kriminali fosthom frodi lejn il-Gvern ta' Malta, evazjoni ta' dwana u evazjoni tat-taxxa tas-sisa.

Rat l-letter to prosecute mahruga mid-Direttur tat-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa li gie mmarkat bhala dokument CSH 18 li jinsab esibit a fol 119 tal-atti odjerni u dad dwar il-vettura tal-ghamla *Mechanical Horse* mudell 1998 bin-numru ta' registrazzjoni GTM 217 bin-numru tac-chassis 320203/ 22192.

**Brian Farugia xehed nhar t-tlieta w ghoxrin ta' April 1999,** ghan-nom tad-Direttur tal-Licenzji kif jirrizulta a fol 45 tal-atti, w ikkonfema li l-pjanca GTM 217 tghajjat lil vettura mechanical trawler tal-ghamla Volvo FH 12 f'isem l-imputat odjern.

**Joseph Borg** rappresentant tal-Legal Office tad-Dwana, **xehed nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Lulju 1999** u esibixxa bhala dokument CSH li jinsab a fol 101 tal-atti odjerni, li hu *temporary export form* f'isem l-imputat li jindika li fl-erbgha w ghoxrin ta' Frar 1998, l-imputat hareg minn Malta vettura Volvo bix-*chassis number* 22192 bin-numru ta' registrazzjoni GTM 217. Dan id-dokument, jghid Michael Zahra li hu Principal Officer fid-Dwana **nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Lulju 1999**, gie ffirmat mill-imputat quddiemu u fuq wara tal-istess dokument gharaf il-firma tieghu.

**Peter Paul Bonnici**, Senior Principal Officer in charge tal-valuation tal-vetturi, xehed **nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Lulju 1999** fejn qal li l-valur tal-vettura tal-ghamla Volvo FH 12 li tinstab f'idejn il-Pulizija, ghandha valur ta' sbatax il-elf u hames mitt lira maltin.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel lok l-imputat gie akkuzat talli f'Marsilja fi Franza, nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Frar 1998 huwa seraq vettura tal-ghamla Volvo Tractor FH 12 ghad-detriment tal-kumpanija Alisan International Transport, 86, Trade Inc., liema serq huwa aggravat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa. Issa sabiex tirnexxi din l-akkuza primarjament il-Prosekuzzjoni kellha, almenu sabiex tibda bil-provi taghha, tipprova li l-imputat kien f'Marsilja nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Frar 1998 u din l-informazzjoni tant importanti, hija nieqsa ghal kollox. Il-Prosekuzzjoni lanqas ma staqsietx lil imputat meta huwa rrilaxxja l-isteqarrija, jekk huwa kienx f'Marsilja nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Frar 1998, jew jekk huwa kellux x'jaqsam ma din is-serqa.

L-imputat fl-istqarrija jghid li huwa kien l-Italja u kien cempillu certu Smith, u qallu li qieghed Firenze u li xtaq jkellmu. Fl-ebda hin ma l-Prosekuzzjoni ppruvat tindika li l-imputat kien Marsilja u ghalhekk zgur li m'irnexxiliex tipprova din l-akkuza bl-aggravji taghha.

Dwar it-tieni akkuza, u cioe dik ta' ricettazzjoni, kif naxxenti mill-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-elementi kollha ta' dan l-istes reat u cioe:

1. illi l-oggett li jkun imsemmi fil-kaz ikun gej mill-kommissjoni ta' reat;
2. illi l-akkuzat ikun jew ircieva jew xtara dan l-oggett;

Fil-fehma tal-Qorti, biex ikun hemm dan l-element hemm bzonn li l-presunt ricettatur ikun ghamel xi haga li biha b'xi mod ikun ikkopera ruhu biex jigi ezitut jew mibjugh l-oggett misruq jew ottenut permezz ta' reat. Kif gie deciz mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Jannar 1941*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Bugelli**, jekk l-atti tieghu ma jurux li kien hemm dik l-intromissjoni da parti tieghu biex b'xi mod

jigi facilitat l-okkultament tal-oggett misruq jew illegalment ottenut dan it-tieni element ma jirrikorix u ma hemmx ricettazzjoni.

3. Illi l-imputat kien jaf li l-oggett kien ta' provenjenza illegittima.

Issa fil-fehma ta' din il-Qorti, kwantu ghax-xjenza tal-provenjenza illegittima, dan l-element [li huwa d-dolo specifiku tad-delitt tar-ricettazzjoni] jista jigi dezunt mic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Issa, kif gie deciz wkoll mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Gunju 1961*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v John Dimech**, meta l-persuna li tircievi oggett jkollha suspett, anzi tkun tahseb li l-persuna li tatha dak l-oggetti minghajr ma taghmel xejn biex taccerta li l-pussess ta' dik il-persuna l-ohra kien legittimu u mhux kif kienet tahseb hi, allura hemm l-element tax-*scientia* rikjest ghall-integrazzjoni tar-reat ta' ricettazzjoni.

Hawnhekk il-Qorti trid ticcara hsieb ezistenti fost diversi avukati difensur dwar x'tip ta' diligenza ghandu juza r-ricettatur fil-mument tar-ricettazzjoni. Kif gie deciz fis-sentenza moghtija fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Briguglio** nhar ***l-erbgha w ghoxrin ta' Gunju 1961***, il-proposizzjoni illi biex ma jkun hati ta' ricettazzjoni, min jakkwista oggett ghandu juza d-diligenza tal-familja biex jaccerta ruhu li dak l-oggett m'ghandhux provenjenza illegittima ma hiex interament zbaljata imma mill-banda l-ohra, ghandha tigi kwalifikata ghaliex filwaqt li f'materja civili in-nuqqas ta' diligenza hu bizzejjed, fil-kamp kriminali id-diligenza trid tkun fi grad akbar. Ghalhekk dik il-proposizzjoni ghandha tigi modifikata fis-sens illi "*in criminalibus*" a differenza ta' "*civiliter*", mhux bizzejjed in-negligenza li hi semplicement l-ammissjoni ta' diligenza tal-boun padre di famiglia, imma tinhtieg negligenza fi grad tali li tammonta ghal '*criminal misconduct*' genwinament imsejjha '*gross negligence*'.

Minn jakkwista oggett taht cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima w

intant ma jaghmel xejn biex jikkonferma tali l-provenjenza u jaghlaq ghajnejh, huwa hati ta' din in-negligenza u kwindi hati ta' ricettazzjoni [vide wkoll **Il-Pulizija v George Tabone** deciza mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Gunju 1961.***]

Li wiehed jkollu suspett ta' xi rregolarita w intenzjonalment jieqaf milli jindaga ulterjorment, hija prova konkluzziva dwar dan l-element intenzjonali [vide **Il-Pulizija v Tancred Borg** ***deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta w ghoxrin ta' Ottubru 1998.***]

Issa f'dan il-kaz jirrizulta bla ebda dubbju ta' xejn li nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Frar 1998, insteraq mill-belt ta' Vitrolles, truck rimorkatur tal-ghamla Volvo 98 ta' kulur ikhal numru tas-serie YV2A4B3A7WB188558 registrat 34TC O952 kif jirrizulta mit-traduzzjoni maghmula minn Anthony Licari fuq digriet tal-Qorti tan-notamenti tal-process verbal maghmul fi Franza, liema dokument jinsab esibit fl-atti bhala dokument CSH 13 a fol 67 u 68 tal-atti odjerni u traduzzjoni taghha dokument AL u AL 1 esibiti fl-atti a fol 296 u 297 tal-atti.

Issa skond ix-xhieda guramentata ta' Estrugal Alisan li tinsab a fol 57 tal-atti odjerni, jirrizulta li l-vettura tieghu Volvo FH 12 li kien ghadu kemm xtara mill-Isvezja, kellha serial number l-istess u cioe YV2A4B3A7WB188558 kif jirrizulta mid-dokument CSH 12 esibit a fol 65 tal-atti u cioe Traffic Form of Motor Vehicles, liema dokument gie tradott mill-lingwa Torka ghal lingwa Maltija mill-interpretu mahtur mill-Qorti Serdal Akkartal a fol 304 et seq tal-atti u minn dan jirrizulta li din il-vettura kienet tghajjat lis-socjeta tieghu Alisan TASIMACILIK KARGO VE DEPOCULUK AS.

Issa minn ezami tar-relazzjoni tal-espert nominat mill-Qorti jirrizulta li l-vettura esibita f'dawn l-atti hija tal-ghamla Volvo FH 12 u li ghandha is-serial number YV2A4B3A7WB188558 u cioe l-istess numri bhal dawk li kellha l-vettura misruqa minn Franza proprjeta ta' Estrugal Alisan.

Illi ghalhekk dwar l-ewwel element u cioe dik li l-Prosekuzzjoni trid tipprova li l-oggett gej mill-kommissjoni ta' reat giet ppruvata u dan ghaliex l-oggett in dezamina gej minn reat ta' serq.

Dwar t-tieni element u cioe li l-Prosekuzzjoni trid tipprova li l-persuna akkuzata bhala ricettatrici rceviet dan l-oggett provenjenti minn dan id-delitt, ma hemmx dubbju dwaru lanqas ghaliex l-imputat kien fil-pussess tal-oggett misruq w ittanta jimpurtha f'Malta tant li l-Pulizija sabet din l-istess vettura f'garaxx fejn kien qed isiru xi tiswijiet fuq struzzjonijiet tieghu.

Dwar t-tielet element u cioe dak tax-xjenza tal-imputat, il-Qorti rat ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u thoss li l-Prosekuzzjoni irnexxilha tipprova wkoll li l-imputat xtara vettura jew minghajr pjanci jew b'numru li ma xtaqx juri tant li huwa wahhal il-pjanca ta' vettura ohra tieghu fuq l-vettura li xtara, allegatament waqt li kien l-Italja, minghand Ingliz.

Illi l-imputat, li waqt l-ezami li sarlu l-Qorti nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Marzu 1999 wiegeb li kien *business man* fin-negozju, messu kien jaf x'inhi l-procedura sabiex tixtri vettura u cioe li jrid jkollok d-dokumentazzjoni kollha tal-istess vettura u cioe li l-vettura issir tieghu biss meta jsir it-transfer relattiv mal-awtoritajiet koncernati.

Issa f'dan il-kaz ma jirrizulta minn imkien li l-imputat biss staqsa ghal din id-dokumentazzjoni, kull ma jghid l-imputat u li dahhal t-trawler f'Malta bin-numru ta' registrazzjoni ta' truck iehor li ghandu registrat fuqu, poggih fuq il-gdid u nizel bih hawn Malta.

Illi hawnhekk l-imputat jaghti l-impressjoni li qed jixtri ktieb jew xi oggett iehor bi prezz irrizarju u mhux vettura bil-prezz li qal li xtara ghal erbghin elf lira sterlina.

Illi fl-ebda hin ma l-imputat qal li ccekkja xi polza ta' sigurta ghalkemm kien ser ikun hu li ser isuqu lejn Malta jew xi log book biex jivverifika li kien tal-persuna li qed tbieghlu dan l-oggett jew lejn xi dokument ta'

registrazzjoni. Kull ma jghid hu li xtrah minghand Ingliz ghall-prezz ta' erbghin elf lira sterlina.

Illi in oltre, meta l-imputat gie mistoqsi ghaliex ried jisprajja il-vettura minn blue ghal abjad, qal li ried jaghmel hekk biex ikun parigg mal-vettura l-ohra li kellu. Din il-Qorti ssibha difficili taccetta li bhala raguni tant semplici u zgur mhux rejali fic-cirkostanza.

Illi dawn ic-cirkostanzi huma ferm dubbjuzi u suspettuzi u l-imputat messu ragjonevolment induna li din il-vettura kienet effettivament gejja minn xi provenjenza illegali.

Ghalhekk ma hemm ebda dubbju li l-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni dwar din l-akkuza tad-delitt ta' ricettazzjoni juru, sal grad mitlub mill-ligi tac-certezza morali, li l-elementi kollha rikjesti biex jezisti dan id-delitt f'dan il-kaz jirrikorru kollha.

Dwar t-tielet reat u cioe dak ta' dikjarzzjoni falza jew taghrif falz lil Awtorita Pubblika, kif kontemplat fl-artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti taghmel referenza biss ghall istatement tal-imputat rilaxxjat minnu stess nhar t-tlieta ta' Lulju 1998 li jinsab esibit fl-atti a fol 37 markat bhala dokument MC 1, liema statement qatt ma gie michud minnu fejn l-imputat ex admissis jghid li huwa qala sett pjanci GTM 217 minn vettura ohra li kellu u poggihom fuq din il-vettura Volvo FH 12 li kien xtara meta kien jaf li ma jappretjenux lilha.

Issa fil-fehma tal-Qorti pjanca b'numru ta' registrazzjoni ta' vettura jikkostitwixxi dokument u dan ghaliex dak id-dokument qed jforni informazzjoni u cioe numru li bih il-vettura tkun registrata mal-Awtoritajiet Pubblici. Illi ma hemmx dubbju ghalhekk li din l-akkuza tirrizulta wkoll ppruvata.

Dwar l-akkuza li l-impuat ghamel falsifikazzjoni f'dokument kif dispost fl-artikolu 189 tal-Kap 9 u cioe li hasar u biddel in-numru tac-chassis tal-vettura tal-ghamla Volvo li allegatament xtrara minghand Smith, ma tirrizultax ghaliex minn imkien ma jirrizulta li kien l-imputat li ghamel il-

grinding tan-numru kif deskritt mill-expert tal-Qorti. Anzi, semmai, meta l-imputat gie mistoqsi jekk baghbasx in-numru tac-chassis fl-istqarrija, huwa cahad b'mod kategoriku din l-allegazzjoni maghmula, fil-konfront tieghu, mill-Pulizija Ezekuttiva waqt l-investigazzjoni.

Illi dwar l-akkuza li l-imputat ordna jew gieghel l-eghmil ta' xi tibdil fic-chassis tal-vettura li mporta ai termini tal-artikolu 17 u 91 tal-Avviz Legali numru 128/1994 u l-artikolu 18 tal-Kap 65, din wkoll ghar-ragunijiet fuq imsemmija ma tirrizultax.

Dwar l-akkuza ta' importazzjoni tal-vettura tal-ghamla Mechanical Horse Volvo FH 12 f'Malta minghajr ma hallas d-dazju fuqha, u l-akkuzi l-ohra kommessi u cioe qarraq bl-Ufficjali tad-Dwana u l-Awtoritajiet koncernati meta ghamel dikjarazzjni falza u cioe Temporary Exportation Permit, li kellu fil-pussess u kontroll tieghu din l-istess vettura wara l-erbgha w ghoxrin ta' Frar 1998, li naqas li jaghmel dikjarazzjoni shiha tal-imsemmi Mechanical Horse, il-Qorti tiddikjara li dawn l-akkuzi kollha jinsabu ppruvati sodisfacentement mill-Prosekuzzjoni.

Ma hemmx dubbju li l-imputat ried jiddefroda lil Awtoritajiet meta ghamel dikjarazzjoni falza u cioe li kien qed jimporta vettura b'numru ta' registrazzjoni ohra biex b'hekk jipprova jevita d-dazju w is-sisa dovut fuqha.

L-imputat esibixxa dokument mahrug nhar l-erbgha ta' Awissu 1997 mill-Malta Development Corporation li jezenta lil Raymond Caruana mill hlas ta' dazju fuq Mechanical Horse Volvo FH 12. Il-Qorti bir-rispett kollu thoss li dan d-dokument kien jkollu effett li kieku l-importazzjoni kienet wahda regolari u taqa fil-paramentri tal-ligi.

Il-Qorti ma thossx li dan id-dokument ghandu jkopri vettura li dahlet Malta irregolarment u ghalhekjk ma thossx li l-imputat kien ezentat mid-dazju fuq l-importazzjoi taghha. Kien l-imputat stess li stqarr li l-importazzjoni ma kienetx wahda regolari ghaliex ghamel uzu minn pjanca li ma kienetx tal-istess vettura u minn

imkien ma jirrizulta li din il-vettura kienet effettivament registrata fuqu salv gha-ddikjarazzjoni falza li hu ffirma ghand l-Ufficjali tad-Dwana u cioe d-dokument CSH a fol 101 tal-atti odjerni.

Il-Qorti semghet wkoll lir-rappresentant tad-Dwana u tas-Sisa, it-tnejn jghidu li l-imputat ma hallasx id-dazju dovut u ghalhekk il-Qorti tiddikjara li qed issibu wkoll hati ta' dawn l-istess reati.

**Il-Qorti** ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi kif indikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tal-hamsa ta' Marzu 2001 esibita fl-atti a fol 230 u cioe l-artikolu 261(b)(c), 263, 264, 267, 278, 279, 280, 334, 188, 189, 17(b), 20, 23, 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 15(1)(b) u 18 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-avviz Legali 128/1994, l-artikoli 60(a)(b)(k), 62(a)(b)(f)(g)(h)(i)(k)(l)(m)(n) tal-Kap 37, l-Att XXXV tal-1989 tal-Kap 37, l-artikolu 69 tal-Att XII/1997, **tiddikjara li ssib lil imputat RAYMOND CARUANA hati tal-akkuzi kollha, salv dawk ta' serq aggravat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa, u talli ghamel falsifikazzjoni u xjentement ghamel uzu minn dokument falz u cioe it-thassir tan-numru tac-chassis tal-vettura, <u>mill-liema tlett akkuzi qed tilliberah</u>.**

**Dwar il-piena, il-Qorti rat l-fedina penali tieghu esibita fl-atti a fol 5 et seq u tirrileva li l-imputat diga kiser dufrejh mal-ligi disgha darbiet fejn inghata bhala piena unconditional probation, il-hlas ta' emendi u unconditional discharge u probation.**

**Illi ghalhekk fic-cirkostanzi, thoss li l-piena idoneja mhix dik ta' multa jew probation, izda ta' prigunerija sospiza fil-massimu taghha.**

**Ghaldaqstant, il-Qorti <u>tikkundanna lil imputat RAYMOND CARUANA b'mod komplessiv</u> ghall-akkuzi kollha li sabitu hati taghhom, ghal <u>piena karcerarja ta' sentejn sospizi ghal erbgha snin</u> ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Oltre dan, tordna lil imputat jhallas multa ta' wiehed u erbghin elf mija u hamsa w ghoxrin lira maltin, rappresentanti in kwantu ghal hamsa w tletin elf lira id-doppju tal-valur tal-vettura impurtata, tlett elef u hames mitt lira maltin li hu id-dazju dovut fuq din il-vettura skond d-dokument CSH 2 esibit a fol 42 tal-atti odjerni u elfejn sitt mija hamsa w ghoxrin lira maltin li huwa s-sisa dovuta skond d-dokument CSH 18 esibit fl-atti odjerni a fol 119 u dan favur il-Gvern ta' Malta ai termini tal-artikolu 18 tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti mhux ser tordna l-konfiska tal-vettura Volvo bin-numru ta' registrazzjoni 34-TC-0952 esibita fl-atti formalment mill-Prosekuzzjoni nhar t-tlieta w ghoxrin ta' April 1999 kif jirrizulta a fol 31 tal-atti peress li jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li ma hemmx drittijiet ta' terzi fuqha.**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex din il-Qorti tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes tal-periti nominati fil-proceduri ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti rat li l-espert Joseph Zammit gie nominat fl-atti tal-kumpilazzjoni u bhala spejjes il-Gvern sofra l-ammont ta' mija tlieta u hamsin lira u tlieta w ghoxrin centezmu, kif jirrizulta a fol 220 tal-atti u ghalhekk il-Qorti tordna lil istess imputat jhallas wkoll din is-istess somma ta' mija tlieta u hamsin lira u tlieta w ghoxrin centezmu lir-Registratur tal-Qorti fi zmien xahar minn meta hekk jigi mitlub li jaghmel.**

**Il-Qorti fissret l-import ta' din is-sentenza lil imputat u ddikjara li fehem ben tajjeb x'jigri f'kaz li jonqos li josservaha .**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------